MALTA

ATT Nru. V ta' l-1988

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.

ACT No. V of 1988

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Pensions Ordinance, Cap. 143.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

PAUL XUEREB
Aġent President

5 ta' Frar, 1988

ATT Nru. V ta' l-1988

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kap. 143.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgha f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1988 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Żieda ta' artikolu ġdid 11A mal-liġi prinċipali.

2. Minnufih wara l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Pensjoni ta' uffiċjali milqutin bit-tilwima medika ta' Ġunju 1977.

11A. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal li kien fis-servizz ta' Malta u li b'konsegwenza tat-tilwima medika li wasslet għal azzjoni industrijali li nbdiet fit-2 ta' Ġunju 1977, kellu s-servizz tiegħu mitmum jew ġie sospiż minn dak is-servizz jew b'xi mod ieħor tilef l-impieg tiegħu mal-Gvern, jista' madankollu jingħata dik il-pensjoni jew gratifikazzjoni għal servizz effettiv.

(2) Dak l-uffiċjal għandu jkun biss intitolat—

(a) għal dik il-gratifikazzjoni b'seħħ mid-19 ta' Ġunju, 1987; u

(b) għal dik il-pensjoni—

(i) b'seħħ mid-19 ta' Ġunju, 1987, jekk ikun laħaq l-età ta' sittin sena f'dik jew qabel dik id-data; jew

(ii) jekk ikun laħaq l-età ta' sittin sena f'dik jew qabel dik id-data u jkun reġà ġie mpjegat, b'seħħ mid-data li fiha jkun irtira; jew

(iii) jekk ma jkunx laħaq l-età ta' sittin sena fid-19 ta' Ġunju, 1987, u ma jkunx reġà kompla fis-servizz, b'seħħ mid-data li fiha jkun laħaq dik l-età; jew

(iv) jekk ma jkunx laħaq l-età ta' sittin sena fid-19 ta' Ġunju, 1987, u jkun reġà kompla fis-servizz, b'seħħ mid-data li fiha jkun irtira;

u dik il-pensjoni jew gratifikazzjoni għandha, għar-rigward ta' l-uffiċjali msemmija fil-paragrafu (a) u fis-subparagrafi (i) u (iii) tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, tinħadem daqslikieku kien irtira mis-servizz f'Malta fil-jum li jiġi wara l-aħħar jum tiegħu ta' servizz effettiv.

(3) Kull servizz mogħti qabel ma s-servizz ikun ġie maqtugħ jista' jiġi kkalkolat għall-pensjoni flimkien maż-żmien tas-servizz wara li dan ikun ġie maqtugħ u l-provvedimenti tal-paragrafu (b) tal-proviso tar-regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet ma għandhomx japplikaw, jekk il-qtugħ tas-servizz—

(a) ikun dovut għat-temm ta' servizz taħt is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali b'konsegwenza tat-tilwima medika msemmija fis-subartikolu (1); jew

(b) xort'oħra jkun konsegwenza tat-tilwima medika msemmija.

(4) Meta l-grad jew il-kategorija li fiha kien impjegat xi uffiċjal bħal dak li hemm imsemmijin fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jkunux għadhom jeżistu kif kienu qabel jew ikunu ġew assorbiti fi grad ieħor jew f'kategorija oħra, u dak l-uffiċjal ikun ta avviż lis-Suprintendent tas-Saħħa sad-19 ta' Lulju, 1987, ta' l-intenzjoni tiegħu li jerġa' jkompli s-servizz jew jaċċetta l-impieg mill-ġdid, iżda jkun irrifjuta li jaċċetta l-offerta magħmula lilu sabiex jerġa' jkompli s-servizz jew sabiex jaċċetta l-impieg mill-ġdid fi grad jew kategorija ekwivalenti taħt il-kundizzjonijiet ta' dik il-kariga, jistgħu, fejn ikunu japplikaw, japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar it-tneħħija ta' kariga li jinsabu f'din l-Ordinanza:

Iżda pensjoni li tingħata b'konsegwenza tat-tneħħija ta' kariga għandha titħallas biss b'seħħ mid-19 ta' Ġunju, 1987 u għandha tinħadem daqslikieku dik it-tneħħija ta' kariga seħħet fl-aħħar jum tas-servizz effettiv ta' mpieg.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 18 ta' din l-Ordinanza għandhom ikunu japplikaw dwar dak l-uffiċjal hekk kif inhu indikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, li miet fit-2 ta' Ġunju, 1977, jew f'data wara.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 64 tat-2 ta' Frar, 1988.

JIMMY FARRUGIA
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati